# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Gunju 2001**

**Numru: 27**
**Citaz. Numru : 824/01/RCP**

**Francis Busuttil & Sons Limited**

**vs**

**Charles Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf hames mija u sittin lira u hames centezmi (LM1560.05,0) rappresentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata, f'diversi okkasjonijiet, fuq ordni tieghu, mis-socjeta` attrici, skond Statement li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala dokument "A";

Illi mitlub biex ihallas diversi drabi, il-konvenut, baqa' inadempjenti.

Illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' LM1560.05,0 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenut ma ghandu l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Michael Bussutil hawn anness Dok. X.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

(1) ma ghandix dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tal-attur noe bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

(2) hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1560.05,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax legali mit-28 ta' Jannar 2000 u bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Michael Busuttil ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b’dan illi:

(2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija u sittin Lira Maltin u hames centezmi (LM1,560.05,0) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax legali mit-28 ta' Jannar 2000 u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**13 ta’ Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**13 ta’ Gunju, 2001**